Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,467, 11 ta' Lulju, 2025
Taqsima B

A.L. 134 tal-2025

ATT DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI (KAP. 439)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikoluż (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 7(2) u 8 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, il-Ministru responsabbli għas-servizzi veterinarji għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikoluż (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikoluż, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 439.19.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "Att" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali" tinkludi, sal-limitu tal-awtorità mogħtija, kwalunkwe persuna jew awtorità awtorizzata mid-Direttur sabiex taġixxi f'isem id-Direttorat għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti;";

(b) it-tifsira "Direttorat tas-Servizzi Veterinarji" tiegħu għandha tiġi mħassra;

(ċ) it-tifsira "Direttur" tiegħu għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttur" tfisser id-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali;".

Jemenda r-regolament 10A tar-regolamenti prinċipali.

3. Il-paragrafu (k) tar-regolament 10A tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

" (k) id-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali jista' jistabbilixxi kondizzjonijiet oħra li għandhom jitqiesu neċessarji qabel ma dawn l-annimali jiddaħħlu ġewwa Malta;".